# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-11 ta' Diċembru 2023

**Rikors Nru : 425/2023 JPG**

**Kawza Nru : 28**

**JM**

**vs**

**OC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta' Lulju 2023, vide fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (23.07.2005), u li minn dan z-zwieg taghhom huma ma kellhomx tfal;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ghaxra ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (10.01.2022) u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Pubbliku Dr Clinton Bellizzi LL.D, kopja awtentikata ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok JM 1;*

3. *Illi, c-certifikat taz-zwieg tal-partijiet qieghed esebit u mmarkat bhala Dok JM 2;*

4. *Illi, ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) huma ormai ghandhom hajja totament separata minn ma xulxin;*

5. *Illi, ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenut, stante rinunzja reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt fi klawsola numru erbgha (4) tal-istess, sezzjoni 'Diposizzjonijiet Generali" u in oltre lanqas ma hemm arretrati dovuti kwantu manteniment ghall-minuri stante li minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;*

6. *Illi, l-esponeneti qieghed in oltre tesebixxi l-affidavit taghha stess anness u mmarkat bhala Dok JM 3 permezz ta' liema affidavit hija tikkonferma l-fatti hawn esposti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob reverentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit u li ddikkjara li ma jehtiegx ghajnuna legali u mhux qed joggezzjona ghad-divorzju. (Vide Fol 42)

Rat u semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2023 (Vide Fol 42) fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 13) illi l-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Lulju 2005, u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi fl-10 ta' Jannar 2022. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (Vide Fol 18 et seq) u kkorobora u kkonferma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Lulju 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 1253/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 12). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi datat 10 ta' Jannar 2022.  Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1253/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**